MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 67/2003/1

**David Galea, Carmen Farrugia, Rosette Fenech Adami, Godwin Galea, Carmelo Galea**

**vs**

**Stephen Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Frar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-31 ta' Jannar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut illi jizgumbra fiz-zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, mill-fond 52, Triq id-duluri, Birzebbugia, proprjeta' ta' l-atturi u dana stante illi hu

qieghed izomm l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Ghal fini ta’ kompetenza l-kera ma taqbisx l-ammont ta’ Lm5000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Mejju u 12 ta’ Lulju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-fond in kwistjoni u fl-eventwalita’ li l-post ‘de quo’ gie provenjenti lilhom mill-wirt li l-istess fond jinsab debitament denunzjat ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni permezz tas-solita dikjarazzjoni ‘causa mortis’;
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-eccipjenti qed jokkupa l-fond in kwistjoni b’titolu ta’ kera u jsegwi ghalhekk li dina l-Qorti hija nkompetenti ‘ratione materiae’ li tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza tal-partijiet f’din il-kawza tirrigwarda t-titolu ghall-fond 52, Triq id-Duluri, Birzebbugia, fejn il-konvenut qieghed jallega illi huwa ghandu titolu validu ta’ kera. Minn naha l-ohra l-attur qeghdin jikkontestaw din l-allegazzjoni.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jitlob lill-atturi sabiex jippruvaw it-titolu taghhom. Dan jidher illi mhuwiex id-diskussjoni. Gie esebit il-kuntratt tad-divizjoni kif ukoll testment illi minnu jirrizulta it-titolu ta’ l-atturi. Fil-fatt waqt is-smiegh tax-xhieda dan it-titolu qatt ma gie

dibattut u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li ghal dak illi jirrigwarda l-proprjeta' tal-fond 52, Triq id-Duluri, Birzebbugia, din tapparjeni lill-atturi u ghalhekk huma ntitolati jaghmlu din il-kawza.

Ghal dak illi jirrigwarda t-titolu ta' kera, rrizulta mill-provi illi originarjament il-fond kien mikri lin-nannu tal-konvenut Ganni Bonnici bil-kera ta' sittax-il lira Maltin (Lm16) fis-sena. Ganni miet fl-isptar St. Vincent de Paule fit-22 ta' Mejju, 2000. Pero' l-konvenut qieghed jghid illi huwa dahal joqghod mieghu ferm qabel u ghalhekk ghandu dritt jiret it-titolu minghand nannuh.

Pero' qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra din il-vertenza, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ta gurisdizzjoni 'ratione materiae' mqajjma mill-konvenut fejn dan qed jallega illi ladarba jirrizulta illi hemm titolu, quindi l-Qorti ordinarja m'hijexx aktar kompetenti u huwa l-Bord li Jirregola l-Kera illi ghandu jikkonsidra l-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi sa ftit zmien ilu din l-eccezzjoni tal-konvenut kellha l-fondament taghha, pero' l-kwistjoni giet rizolta darba ghal dejjem permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet <u>Joseph Gauci vs Catherine Kerkoub</u> fejn inghad, "… dan ma jfissirx illi kull meta tissema kera l-Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja jitilfu l-kompetenza jekk ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja jkun mehtieg illi qabel xejn tinghata twegiba ghall-kwistjoni ncidentali jekk il-konvenut huwix kerrej jew le, l-Qorti ghandha wkoll is-setgha li taqta' dik il-kwistjoni ncidentali. Din il-Qorti ma tamghmilx illi l-interpretazzjoni tal-ligi specjali jista' jaghtiha biss it-Tribunal Specjali imwaqqaf taht dik il-ligi. Is-setgha tal-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja tieqaf biss meta l-kwistjoni tkun dwar jekk sid il-kera jistax ibiddel il-kundizzjonijiet tal-kiri jew jistax ma jgeddidx il-kiri favur kerrej meta tintemm."

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha li ghandha s-setgha u l-gurisdizzjoni biex taqta’ din il-kwistjoni ncidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut qieghed jinvoka favur tieghu il-ligi specjali taht il-Kap. 69, specifikament l-artiklu 2(b) illi jaghti definizzjoni tal-kerrej illi jinkludi, “dawk il-membri tal-familja tal-kerrej illi jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.” Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-konvenut jikkwalifika bhala membru tal-familja fis-sens tal-ligi u f’dan is-sens taghmel referenza ghan-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-konvenut fejn ta l-gurisprudenza necessarja dwar it-tifsira tal-kelma kerrej u li ghaliha din il-Qorti taghmel piena referenza.

Hemm pero’ divergenza kbira bejn il-partijiet kemm il-konvenut kien verament qieghed joqghod mall-kerrej fi zmien il-mewt tieghu.

Il-konvenut qal illi huwa kien ilu joqghod fil-fond mill-1995 wara li mietet in-nanna tieghu, peress illi nannuh ma riedx joqghod wahdu. Il-konvenut jghid illi sid il-kera kien jaf illi qieghed jpqghod ma nannuh u li darba minnhom mar ghandu u talbu biex il-kera gdida ddur fuqu (il-konvenut). Sid il-kera, cioe’ missier l-atturi, kien beda jikteb id-data izda mbaghad waqaf wara li l-mara tieghu oggezzjonat illi l-kera ddur fuq il-konvenut. In sosten tat-tezi tieghu l-konvenut gab lil missieru, Ilario Bonnici, fejn qal illi t-tifel tieghu mar joqghod ma’ nannuh u ha l-affarijiet personali tieghu kollha. Anthony Caruana u William Said illi huma gara tal-fond 52, Triq id-Duluri, Birzebbugia, qalu li jaraw lill-konvenut diehel u hiereg fil-fond u Jason Bonnici qal a fol. 34 illi ghamel zmien joqghod man-nannu pero’ peress illi ma qablux dwar il-hinijiet li kellu jirritorna lura d-dar, Bonnici mar joqghod lura mall-genituri tieghu u kien huh il-konvenut Stephen illi mar joqghod man-nannu floku.

Xehed ukoll Dr Ronald Fiorentino (fol. 65) in rapprezentanza ta’ l-Isptar St. Vincent de Paule fejn qal illi

Ganni Bonnici dahal fl-20 ta' Frar, 1999 u miet fit-22 ta' Mejju, 2000.

Gie esebit estratt mir-Registru Elettorali minfejn jirrizulta illi Jason Bonnici kien ilu registrat fuq il-fod in kwistjoni sa' mill-1994 u baqa' hekk registrat sa' l-1999, filwaqt li l-konvenut gie registrat fuq il-fond in kwistjoni ghall-ewwel darba fl-1999 u cioe' dik is-sena li Ganni Bonnici gie ammess fl-isptar St Vincent de Paule (ara fol. 61 et seguitur).

Minn naha ta' l-atturi xehdet l-attrici Carmen Farrugia u David Galea b'dik ta' l-ewwel tikkonferma illi Ganni Bonnici kien l-inkwilin rikonnoxxut minnhom. Fl-1996 daret id-dar fejn jghix Bonnici u kkjonfermat illi ma kien joqghod hadd hliefu go fiha. Pero' fil-kontro ezami kkalifikat din ix-xhieda u qalet li ma kinitx qeda taghti kaz l-ghamara illi kien hemm. Fi kwalunkwe kaz, taf meta z-zewg neputijiet ta' Ganni Bonnici marru ghand missierha u qalulu sabiex idawwru l-kera fuq il-konvenut u missierha kien irrifjuta. L-attrici tghid illi l-atturi qatt ma gew infurmati illi kien hemm xi hadd jghix ma' Ganni. Missierha kien jghidilhom illi mal-mewt ta' Ganni jrid ic-cavetta lura.

Interessanti illi missierha kien kiteb, “Every time his nephew came to pay the rent on behalf of his grand father he was requested to hand over the keys as soon as his grand father died. We don't know his nephew's name as we did not want to deal with him” (fol. 90). Inghad illi din il-kitba saret minn missier l-atturi, l-allura awtur taghhom u ma gietx kontestata l-awtenticita' ta' din id-dikjarazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-kontroversja bejn il-partijiet hemm konflitt fil-provi dwar il-permanenza tal-konvenut ma nannuh, l-Qorti jidrilha illi d-dispost tal-kawza Debono vs Zahra (20 ta' April, 1963) jista' jkollha fattur determinanti ghall-ezitu ta' din il-kawza. L-atturi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom kkwotaw minn din is-sentenza fejn fost affarijiet ohra l-Qorti kkonfermat illi membru tal-familja ta' l-inkwilin huwa ntitolat ikompli l-lokazzjoni tal-fond wara l-mewt ta' l-

inkwilin basta sintendi li l-kerrej originarju jkun baqa' tali sal-mewt tieghu u sa' l-mewt tieghu ikun baqa' fil-fond 'de quo' il-membru tal-familja u basta wkoll illi ma jkunx il-kaz illi l-kerrej originarju jkun dahal fil-fond lilu mikri l-membru tal-familja tieghu minghajr il-kunsens espress tas-sid ghax allura jopera sfavoralment l-artiklu 10 (a) tal-Kap. 109. (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghalhekk il-Qorti jidrilha illi anki jekk jista jinghad li l-konvenut ghamel xi zmien joqghod mall-kerrej, zgur illi ma kellux il-kunsens espress tas-sid biex jaghmel dan. Id-dokument a fol. 90 hija prova cara illi s-sid ma riedx jaf bil-prezenza tan-neputijiet. Tant hu hekk illi lanqas biss kien jaf x'jisimhom.

Ghalhekk, minn dan il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-kunsens espress tas-sid zgur illi f'dan il-kaz ma nghatax u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li fl-isfond ta' dak illi nghad, il-konvenut ma jistax jibbenefika mill-kirja illi kellu nannuh u ghandu joqghod ghat-talba ta' l-atturi sabiex jizgombra mill-fond de quo.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta' l-atturi, tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra u johrog mill-fond 52, Triq id-Duluri, Birzebbugia proprjeta' ta' l-atturi u dana stante illi qed jiddetjeni l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Kontra din is-sentenza appella l-konvenut li talab ir-revoka taghha. L-obbjezzjoni principali tieghu tikkonsisti fis-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata u ma kkonsidratx kif jixraq il-kwestjoni li kellha quddiemha fl-ambitu tad-definizzjoni li l-Kapitolu 69 jaghti lill-kelma "kerrej";

Il-parti operativa tas-sentenza appellata, li fuqha hu bazat id-dispozitiv, hi koncepita fuq il-hsieb tas-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Debono -vs- Vincenzo Zahra**", Appell Inferjuri, 20 ta' April 1963. Approfondiment ta' din is-sentenza ghandu manifestament juri illi l-fattispeci ta' dak il-kaz ma ghandhom assolutament x' jaqsmu xejn ma' dak prezenti, u allura xejn kuntrarju ma jista' jingibed minnha ghac-cirkostanzi prevalenti f' din il-kawza. Hemmhekk, kif anke spjegat fl-istess sentenza, il-kaz kien jikkomprendi "karatteristika specjali" in kwantu ghalkemm il-kontrattazzjoni tal-kirja saret ma' Michele Cefai u dan kien il-kerrej rikonnoxxut, eppure sa mill-bidunett il-fond gie okkupat eskluzivament minn mart il-konvenut u l-familja taghha, u dan bil-pjena konoxxenza ta' sid il-fond. Kien guridikament logiku illi dik is-sentenza tissolleva l-kwestjoni tal-kunsens biex tillustra l-punt illi l-kerrej rikonoxxut kien dahhal fil-fond il-membru tal-familja tieghu bl-akkonsentiment tas-sid, in kwantu, xort' ohra, kien ikun meqjus li dak il-kerrej ghamel sullokazzjoni tal-fond jew trasferiment tal-kirja minghajr dak il-kunsens espress tal-lokatur li jsemmi l-Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69;

Minn dan isegwi illi l-kritika tal-appellanti fuq dan l-aspett hi gustifikata u gjaladarba, kif muri, il-kaz citat kien *toto coelo* divers mill-kaz prezenti, din il-Qorti ma tistax tadotta l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, hekk fondata fuq riflessjonijiet guridici dwar fattispeci ghal kollox distinti;

Dak li invece kien mistenni li jigi investigat mill-ewwel tribunal kien jekk il-konvenut appellanti ssodisfax, bi provi certi u konkludenti, iz-zewg elementi bazici ghall-protezzjoni akkordata lilu mil-ligi, u cjoe, jekk kienx: (a) membru tal-familja tieghu, u (b) kienx jiirisjedi mal-kerrej fid-data tal-mewt ta' dan. Dan s' intendi, fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, fejn il-kerrej ma jkunx halla warajh armla jew armel [Artikolu 2 (b) tal-Kapitolu 69 fir-rigward tat-tifsira tal-kelma "kerrej"];

Ma jista' qatt ikun dubitat illi l-kwestjoni involuta tirreduci ruhha ghall-kwestjoni ta' fatt u l-valutazzjoni li trid tinghata

lil dan l-istess fatt. Huwa pero` opportun qabel xejn illi jigu rikapitolati certi konsiderazzjonijiet ta' dritt in meritu ghaz-zewg elementi fuq senjalati;

Jinsab stabbilit f' diversi decizjonijiet illi l-kelma "familja" kontenuta fl-ewwel element, u ghall-finijiet tal-Kapitolu 69, tinkludi l-konsangwinei, cioe, dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni. Ara "**Wisq Rev. Padre Leone Zammit *nomine* -vs- Antonio Farrugia *et***", Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju 1953; "**Rosina Buhagiar *et* -vs- Angiolina Dalmas**", Appell Inferjuri, 22 ta' Ottubru, 1960;

Ta' min isemmi wkoll illi l-espressjoni "membru tal-familja" tal-kerrej ma tirrikjedix li l-konsengwinita` hi bilfors u dejjem pre-rekwizit tal-"*membership*" ta' l-istess familja. L-interpretazzjoni twessghet biex tinkludi bhala membri tal-familja tal-kerrej anke persuni li jkunu trabbew mill-kerrej. Ara b' ezemplari "**Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr**", Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966 u "**Joseph Caruana -vs- Salvatore Pulis**", Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975;

Riferibilment dwar it-tieni element tar-residenza mal-kerrej fid-data tal-mewt tieghu, jinsab statwit f' gurisprudenza pacifika illi membru tal-familja ta' l-inkwilin huwa intitolat ikompli fil-lokazzjoni tal-fond lokat anke jekk fid-data tal-mewt ta' l-inkwilin huwa kien joqghod fil-post wahdu ghax l-inkwilin kien jabita band' ohra. (**Kollez. Vol. XLVII P I p 583**). B' ezemplari, wiehed jista' jirreferi ghal kaz ta' emigrant li jkun telaq minn Malta u fil-fond halla membri tal-familja tieghu u li kienu joqghodu mieghu minn zmien qabel. Ara "**Victor Gauci -vs- Vincenza Tabone**", riportata a **Vol. XL P I p 418**. Hemm ukoll il-kaz ta' inkwilini li minhabba ragunijiet ta' sahha ikunu rrikoveraw ruhhom gewwa istitut jew sptar u li jkomplu jzommu darhom sabiex jekk jiddejqu jew ifiqu jkunu jistghu jirritornaw fil-post mikri. Ara "**Mary Abela *nomine* -vs- Joseph Camilleri**" Appell Inferjuri, 22 ta' April 1986 u

“**George Felice -vs- Gianni Cini**”, Appell Inferjuri mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta’ Gunju 2001;

Gie pero` kawtelat fir-rigward ta’ dan it-tieni element illi biex membru tal-familja jista’ jitlob b’ success il-protezzjoni tal-Kapitolu 69, ir-residenza tieghu mal-kerrej ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghas-semplici kumdita` ahjar, jew ta’ semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta’ kambjament ta’ ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga mposta minn necessita`. Ara “**Dr. John Agius M.D. -vs- Marlene Copperstone *et***”, Qorti Civili, Prim' Awla, 25 ta’ Mejju 1966 per Imhallef Maurice Caruana Curran;

Fermi dawn l-aspetti ta’ dritt, il-fatti f’ dan il-kaz, kif jemergu mir-rizultanzi processwali, jiddemostraw illi skond il-versjoni ta’ l-appellanti, huwa kien mar joqghod ma’ l-inkwilin nannuh wara l-mewt ta’ nanntu u f’ xi zmien wara li huh Jason ma baqax jabita man-nannu patern. F’ dan huwa sostenut mix-xhieda tal-genituri tieghu Ilario Bonnici (fol. 18) u Emmanuela Bonnici (fol. 32) u ta’ huh Jason Bonnici (fol. 34). Huwa korroborat ukoll mix-xhieda estraneji Anthony Caruana (fol. 26) u William Said (fol. 45). L-istess appellant isostni illi huwa baqa’ jirrisjedi fil-fond mikri anke wara li nannuh iddahhal St. Vincent De Paule, fejn eventwalment miet;

Biex jikkombattu din l-allegazzjoni, l-atturi appellati jikkampaw it-tezi taghhom li l-appellanti ma kienx jirrisjedi mal-kerrej nannuh in bazi ghal dawn is-sottomissjonijiet u provi:-

(1) li l-kerrej qatt ma informahom li kien hemm xi hadd jghix mieghu;

(2) li meta ghamlu xi viziti fid-dar lokata ma raw lil hadd hlief lill-kerrej Ganni Bonnici;

(3) Il-kopji tar-Registru Elettorali minnhom esebiti (fol. 52 sa fol. 64) ma jindikawx lill-appellant bhala votant, hlief wara li nannuh gie rikoverat fl-Isptar tax-Xjuh;

Minn din l-esposizzjoni tal-fatti u tad-dikjarazzjonijiet, ta' naha u ta' ohra, din il-Qorti ma tistax *in primis* ma tosservax illi l-appellant ressaq provi sufficcjenti illi huwa mar f' xi zmien jghix regolarment ma' nannuh u ghalkemm dan l-istess nannuh hareg materjalment mill-fond, dan l-istess fond baqa' r-residenza tal-konvenut u hekk baqa' jzommu anke fi zmien mewt nannuh. Indubitament, m' hemmx ghalfejn jinghad illi, bhala konsangwineju, huwa jirrientra fid-definizzjoni ta' "kerrej" bhala "membru tal-familja" ta' l-inkwilin nannuh. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Mangion *et* -vs- Gio Maria *sive* Jimmy Galea**", Appell Inferjuri, 6 ta' Gunju 1973;

Fil-hsieb tal-Qorti, kif jidher traccjat ukoll mill-korp tas-sentenza appellata, il-prova hekk maghmula mill-appellant in disimpenn ta' l-oneru nkombenti fuqu, ma jidherx li giet adegwatament paralizzata mill-provi ta' l-atturi appellanti. Huma naqsu milli, bl-ghodod procedurali konsentiti lilhom, jikkontroezaminaw lix-xhieda prodotti mill-appellanti, forsi wkoll, ghaliex dehrilhom illi bis-semplici dikjarazzjonijiet taghhom u l-prova tar-Registru Elettrorali kien bizzejjed biex jinnewtralizzaw l-allegazzjoni ta' l-appellanti;

Gja nghad illi l-gudizzju hu wiehed ta' apprezzament ta' fatt u jekk allura dan l-apprezzament iwassal biex isostni l-fatt alllegat tar-residenza da parti tal-konvenut ma' l-inkwilin, id-dikjarazzjonijiet maghmula dwar in-nuqqas ta' nformazzjoni da parte tal-kerrej li neputih kien qed jghix mieghu jew in-nuqqas tal-presenza ta' terzi fil-viziti okkazjonali li jinghad li saru minnhom, ma jistghux iservu ta' ghajnuna lill-appellati. Dan ghaliex dawn, anke jekk konsiderati flimkien, ma jwasslux ghal dik il-kontestazzjoni konkreta u konvinciment li ggib fix-xejn il-pretensjoni ta' l-appellant fid-difiza artikolata minnu. Kwantu ghal prova tar-Registru Elettorali jinsab deciz illi "anke f' dan il-

kuntest ir-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun korroborattiva u mhux necessarjament u dejjem tkun konklusiva" ("**Ines Calleja *et* -vs- Nazzareno Ellul**", Appell, 29 ta' Novembru 1996). Stabbilit mill-provi, anke estraneji, illi l-appellant kien jabita ma' nannuh, il-fatt li dan ma kienx hekk registrat bhala votant fuq il-fond mikri ma hu verament ta' l-ebda siwi bhala xi element favorevoli ghat-tezi sostenuta mill-appellati;

Fic-cirkostanzi, u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, huwa l-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata mhassra. B' hekk tichad it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------